MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 83/2011

**Easygas Malta Limited**
**(C – 45789)**

**vs**

**Il-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u l-Malta Resources Authority**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat l-14 ta' Dicembru, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi timporta u tbiegh bl-imnut cilindri tal-gass (GPL) skont il-ligi;

2. Illi akkwistat diversi cilindri minghand il-konsumaturi versu l-hlas ta’ hamsa u ghoxrin Ewro, (€25.00), ghal kull cilindru;

3. Illi dan ghamlitu a bazi li **pprezumiet** li l-konsumaturi u possessuri tac-cilindri de quo kienu s-sidien tal-istess cilindri, liema presunzjoni hi bbazata fuq l-artikolu 525 tal-Kap 16;

4. Illi fil-21 ta’ Jannar, 2011, is-socjeta` Liquigas Malta Limited, socjeta` direttament konkorrenti ghaliha, intavolat mandat t’inibizzjoni biex izzommha milli tkompli taghmel dan, billi cilindri minnha mixtrija mill-konsumaturi kienu ghadhom proprjeta` taghha;

5. Illi permezz tad-decizjoni datata d-9 ta’ Frar, 2011, l-istess mandat kien gie michud;

6. Illi fl-1 ta’ Marzu, 2011, Liquigas Malta Limited intavolat kawza fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili kontra s-socjeta` hawn rikorrenti li permezz taghha qed titlob rikonoxximent li c-cilindri sofor f’Malta huma proprjeta` taghha;

7. Illi f’dan l-istadju jinghad ukoll li l-istess socjeta` rikorrenti kitbet biss is-segwenti:

“Il-Gvern ta’ Malta, tramite l-Ministru ntimat permezz t’avviz legali numru 465 tal-2011 …”

8. Illi biex att legislattiv, inkluz avviz legali, jkun konsistenti mal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u mal-Konvenzjoni Ewropea, irid jissodisfa 4 elementi komulattivament:

i. Illi jrid jipprovdi kumpens xieraq;

ii. Illi l-persuna nvoluta jkollha access ghal qorti jew tribunal indipendenti w imparzjali biex jigi deciz l-interess tal-istess persuna u l-kumpens involut;

iii. Illi d-dritt t'Appell minn tali decizjonijiet ikun zgurat;

iv. Illi jkun gustifikat fl-interess pubbliku;

9. Illi dawn l-erba` rikwiziti mhux kollha prezenti senjatament ghal dak li jirrigwarda:

i. Il-kumpens xieraq;

ii. Id-dritt t'Appell;

10. Illi minflok, jistabbilixxu arbitrarjament il-kumpens ta' hames Ewro (€5.00), ghal kull cilindru;

Illi tenut kont tal-imsemmija premessi, li ghandu jigi wkoll immedjatament ribadit bi kjarezza li jippekkaw severament fil-logika, ghandu jinghad li effettivament il-paragrafu numru 5 tar-rikors promotur, hawn korrispondenti ghas-sintesi numru 7, aktar 'il fuq, ma jorbotx, ma jipprecizax, u ma jispecifikax, il-vera raguni legali ghaliex inhasset il-htiega li tigi varata din il-lanjanza, u f'din is-sede, is-socjeta` rikorrenti titlob is-segwenti:

1. Illi l-Avviz Legali numru 465 tal-2011 u kull effett naxxenti minnu, jigi mmedjatament sospiz, sakemm tigi deciza din il-procedura;

2. Illi tiddikjara li l-Avviz Legali msemmi jikser id-drittijiet tas-socjeta` rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta` taghha taht l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol taht l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi tiddikjara l-Avviz Legali de quo null u bla effett;

Rat ir-risposta tal-Ministru ntimat fuq indikat datata wkoll l-14 ta' Dicembru, 2011, li sintetikament irrisponda bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikors promotur hu karenti minn fundament guridiku stante li:

i. Is-socjeta` rikorrenti qatt ma tista` takkwista l-proprjeta` tac-cilindri tal-gass in dizamina stante li dawn huma proprjeta` ta' socjeta` ohra;

ii. L-artikolu 525 tal-Kap 16 citat mis-socjeta` rikorrenti ma jissuffragahhiex stante li dak li l-konsumatur ikun qed jakkwista meta jixtri c-cilindri hu il-kontenut tieghu – mhux il-gass **flimkien** mac-cilindru – tant li l-licenzja operatrici rilaxxata lis-socjeta` rikorrenti tawtorizzaha biss titrasporta, tiddistribwixxi u tbiegh bl-imnut il-gass in dizamina go cilindri li jkunu trasferibbli;

iii. In effetti biex wiehed ikun awtorizzat jimla' c-cilintri jehtieg licenzja appozita rilaxxata taht l-Avviz Legali 278 tal-2007, liema attivita` l-konsumatur hu prekluz milli jaghmilha u ghalhekk ma jaghmel ebda sens li l-konsumatur jakkwista cilindri vojta;

iv. Ghalhekk, il-fatti kif elenkati mis-socjeta` rikorrenti, ma jinvolvu l-ebda dritt ta' proprjeta` ghaliex din is-socjeta` mhix proprjetarja kif allegat;

2. Illi meta s-socjeta`rikorrenti ghazlet li "takkwista" c-cilindri bil-prezz indikat fir-rikors promotur, (ara paragrafu numru 2), ghamlet hekk b'riskju taghha;

3. Illi l-fatt li l-uzu tac-cilindri gie regolat dan kien fl-interess tal-konsumatur u tas-sigurta` pubblika, liema nteressi ma jeradikawx dritt ghal kumpens favur is-socjeta` rikorrenti;

4. Illi meta wiehed jinvolvi ruhu fl-akkwist ta' proprjeta` minghand terzi jkun biss qed jinvolvi ruhu f'negozju azzardat ovvjament espost ghal riskji legali u finalment ikun inevitabbli li wiehed finalment ikollu jirrinfacca l-konsegwenzi ta' tali negozju azzardat;

5. Illi subordinatament l-Avviz Legali nkriminat ma jivvjola l-ebda dritt fundamentali tat-tgawdija ta' proprjeta`

billi dan hu biss tentattiv biex jigi kontrollat l-uzu tal-proprjeta` u fl-istess hin tigi protetta l-inkolumita` tal-konsumatur fit-termini tal-obbligi legali hemm riferiti;

6. Illi t-talba ghas-sospensjoni tal-Avviz Legali in dizamina, anke ibbazata kif inhi fuq mera allegazzjoni, mhix konformi mal-obbligi Kostituzzjonali, u ghalhekk ghandha wkoll tigi michuda;

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi wkoll datata l-14 ta' Dicembru, 2011, li sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti:

1. Illi l-azzjoni odjerna hi karenti minn fondament guridiku u dan stante:

i. Illi s-socjeta` rikorrenti qatt ma setghet takkwista l-proprjeta` tac-cilindri in dizamina ghaliex dawn huma proprjeta` ta' socjeta` ohra u ma jirrizulax li ghandha l-kunsens ta' din is-socjeta` biex taffettwa tali akkwist;

ii. Illi l-presunzjoni riferita fl-artikolu 525 tal-Kap 16 mhix rilevanti ghall-fatti in ezami fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz peress li l-konsumatur effettivament jixtri l-gass fic-cilindru u mhux ic-cilindru de quo;

iii. Illi dan hu rifless fil-licenzja rilaxxata lill-operatrici rikorrenti li hi awtorizzata biss tbiegh, titrasporta u tiddistribwixxi l-gass f'cilindri appoziti;

iv. Illi s-socjeta` rikorrenti mhix awtorizzata tbiegh ic-cilindri vojta lill-konsumatur;

v. Illi dan il-kaz ma jqajjem l-ebda dritt ta' proprjeta` stante li s-socjeta` rikorrenti mhix proprjetarja tac-cilindri de quo;

2. Illi di piu`, meta s-socjeta` rikorrenti ghazlet li takkwista c-cilindri bil-mod minnha deskritt fir-rikors promotur taghha, din ghamlet dan b'riskju ghan-negozju

taghha u hu ekwivalenti ghal negozju azzardat espost ghal kull riskju;

3. Illi r-regolamentazzjoni tal-uzu tac-cilindri tal-gass hi necessitata mill-interess suprem tal-inkolumita` tal-konsumatur u ghalhekk fl-interess pubbliku, u li allura, tali regolamentazzjoni ma teradika l-ebda dritt ghall-kumpens;

4. Illi l-Avviz Legali in dizamina ma jivvjolax id-dritt fondamentali tat-tgawdija tal-proprjeta` ghaliex hu biss mizura ntiza li tikkontrolla l-uzu tal-proprjeta` fl-interess tal-konsumatur billi c-cilindri wzati jkunu debitament certifikati li ma humiex ta' perikolu u idonei ghall-uzu, kif de resto obbligati taht obbligi statutorji elenkati mill-istess Awtorita` ntimata;

5. Illi ghaldaqstant it-talba ghas-sospensjoni tal-Avviz Legali in dizamina hi irrita stante li tali possibilita` mhix kontemplata legislattivament;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament qed tingibed l-attenzjoni ghall-paragrafu numru 5 tar-rikors promotur tas-socjeta` rikorrenti li testwalment jghid is-segwenti:

"Illi l-Gvern ta' Malta, tramite l-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali permezz ta' avviz legali numu 465 tal-2011 (kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala "Dok. E")";

Illi ghandu jkun pacifiku li dan il-paragrafu ghalkemm hu l-apice argumentattiva tas-socjeta` rikorrenti u li fuqu jistrieh l-edifizzju kollu tal-procedura odjerna, hu karenti mill-istruttura lingwistika necessarja stante li ghalkemm fis-sentenza fuq kwotata hemm is-suggett - il-Gvern ta' Malta – pero` hu karenti mill-attributi l-ohra li kwalunkwe sentenza lingwistikament u logikament koerenti ghandu necessarjament ikollha;

Illi tali karenza, ghalkemm serjissima ghaliex ma tista` qatt tinftiehem bi precizjoni, ghandha xorta tigi superata stante li mhux biss anke l-intimati hadu t-tifsira generali taghha u wiegbu ghar-rikors promotur minghajr ma ssollevaw tali problema, izda fil-procediment in dizamina l-istess socjeta` rikorrenti ttrasmettiet il-hsibijiet taghha b'mod li kien bizzejjed li jikkolinaw tali karenza;

Illi ghalhekk qed tiehu tali karenza bhala xejn aktar minn *lapsus calami*, forsi anke unikament tajpistiku, li l-urgenza tal-procedura ma ppermettietx il-korrezzjoni necessarja u konsegwentement, qed tieghu l-istess mankanza bhala sussegwentement superata;

Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni tas-socjeta` rikorrenti tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi l-kuntest in dizamina jinkwadra ruhu fil-liberalizazzjoni tas-suq tal-bejgh tac-cilindri tal-gass;

2. Illi peress li s-socjeta` rikorrenti dahlet tikkompeti f'dan is-suq partikolari kellha taskogita diversi manjieri biex tattira klijenti li qabel kienu qed jigu moqdija mis-socjeta` precedentement operatrici f'dan is-suq;

3. Illi ovvjament din il-kompetizzjoni diretta mas-socjeta` precedentement inkombenti tat bidu ghal ritaljazzjoni fosthom li ntroduciet strategija li min mill-klijenti taghha jittermina s-servizz u ghalhekk irodd lura c-

cilindru tal-gass, (ovvjament vojt), jinghata hames Ewro, (€5.00);

4. Illi ssostni li din l-istrategija giet introdotta ghaliex meta konsumatur jibda jinghata servizz gdid, u cioe` jixtri ghall-ewwel darba c-cilindru in dizamina, dan hu kostrett ihallas mhux biss ghall-gass mixtri, izda wkoll ghall-kontenitur, fejn dawk ic-cilindri l-aktar uzati – dawk tat-12 u tal-15 kilogramm, jiswew madwar hamsa u ghoxrin Ewro, (€25.00);

5. Illi konsegwentement konsumatur li ried jaqleb mill-fornitur ghall-iehor rikorrenti aktar ricenti fis-suq, kien immedjatament ser jitlef ghoxrin Ewro, (€20.00);

6. Illi ghaldaqstant, tali qabza minn fornitur ghal iehor, ma kinitx allettanti ghall-konsumatur;

7. Illi bhala ritaljazzjoni, s-socjeta` rikorrenti ghazlet li tipprovdi offerta gdida – fejn ghal kull cilindru vojt li takkwista bidet toffri lill-konsumatur gdid il-prezz tas-suq relattiv;

8. Illi jidher li din l-offerta tat rizultati pozittivi stante li l-istess socjeta` rikorrenti tissottolinea li akkwistat kwantita` kbira ta' klijenti, u ovvjament ta' cilindri naxxenti mis-socjeta` kompetitrici ghaliha;

9. Illi fid-29 ta' Novembru, 2011, gie ppubblikat l-Avviz Legali 465 tal-istess sena;

10. Illi skont is-socjeta` rikorrenti l-effett tal-imsemmi Avviz Legali hu essenzjalment li s-socjeta` rikorrenti ser ikollha tirritorna c-cilindri minnha hekk migbura u dan minghajr dritt ghal xi kumpens;

11. Illi l-istess socjeta` rikorrenti ssostni wkoll li m'ghandhiex il-possibilita` tikkontesta dan l-istat ta' fatt quddiem xi tribunal indipendenti;

12. Illi di piu`, l-istess Avviz Legali jistabbilixxi, allegatament b'kumbinazzjoni, li l-kumpens monetarju uniku permess hu dak ta' hames Ewro, (€5.00), meta

wiehed jirritorna c-cilindru kif fuq deskritt – li hu l-istess korrispettiv offrut f'dawn ic-cirkostanzi mis-socjeta` kompetitrici ghal dik rikorrenti;
13. Illi ghalhekk l-intromissjoni tal-Avviz Legali de quo fis-suq in dizamina hu: " **… kaz vergonjuz ta' gvern (li qed jintuza) biex jipprovdi eku legali ghall-pozizzjoni legali ta' entita` privata, liema entita` kienet xtrat in-negozju taghha proprju minghand l-istess gvern**";
14. Illi dan l-Avviz Legali mhux konsistenti mal-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
15. Illi nonostante li c-cilindri tal-gass jinbieghu f'diversi daqsijiet u prezzijiet konsegwenzjali, il-kumpens moghti fl-Avviz Legali de quo hu l-istess, senjatament xejn;
16. Illi skont is-socjeta` rikorrenti l-Avviz Legali de quo hu mahrug minn ministeru u mhux mill-Parlament, u ghalhekk illegittimu;
17. Illi inoltre l-istess Avviz Legali jikser ukoll il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem;
18. Illi l-mira unika u esklussiva tal-azzjoni odjerna hu l-Avviz Legali de quo;
19. Illi stante li r-rikors odjern jista` jkun ta' natura "komplessa", senjatament li jinvolvi kwistjoni mhallta ta' natura naxxenti kemm minn kwistjoni purament legali kemm ukoll minn kwistjoni ta' natura kostituzzjonali, allura fuq l-iskorta tas-sentenzi minnha citati, (ara fol 216 u 217) ghandha tipprevali din l-ahhar azzjoni;
Ikkunsidrat:

Illi l-pozizzjoni tal-Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u tal-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Rizorsi tista` tigi sintetikament esposta bil-mod segwenti:

1. Illi l-Avviz Legali in dizamina gie ntrodott ghaliex inhasset il-htiega li:

i. tinghata definizzjoni legali tal-kelma "**sid**" fil-kamp tan-negozju de quo;

ii. tigi razjonalizzata u kjarifikata l-metodologija relattiva tar-ritorn tac-cilindri tal-gass lis-socjetajiet distributrici tal-istess prodott;

2. Illi dan l-Avviz Legali hu fl-interess generali tal-konsumatur ghaliex:

i. Jipprotegieh minn abbuzi kontra tieghu;

ii. Jipprotegieh kwantu ghas-sigurta` u l-inkolumita` tieghu;

3. Illi din il-mizura ttiehdet ghaliex il-konsumatur la hu idoneu biex ikun responsabbli ghaz-zamma; ghall-manutenzjoni u ghall-ittestjar tac-cilindru; peress li dan la ghandu l-abbilita` u lanqas l-esperjenza teknika mehtiega;

4. Illi f'dawn l-oqsma hawn kontemplati hu biss l-operatur li hu responsabbli, kif del resto stabbilit fil-licenzja operattiva moghtija lis-socjeta` rikorrenti;

5. Illi ghalhekk, logikament il-konsumatur qatt ma jista` jkun meqjus bhala "**sid**" u effettivament meta jixtri l-gass minn kwalunkwe operatur, ihallas biss depozitu ghall-kontenitur tal-istess, li tieghu jinghata ricevuta skont il-ligi;

6. Illi fil-kaz li l-konsumatur ma jkunx munit b'ricevuta ghal tali cilindru meta jigi biex jixtri min operatur differenti, l-istess Avviz Legali jistabbilixxi l-ammont ta' hames Ewro, (€5.00), bhala korrispettiv, liema ammont hu allegat li kien "minn dejjem tradizzjonalment" jithallas f'dawn ic-cirkostanzi, (ara fol 220);

7. Illi l-allegazzjoni li min jaqleb mill-operatur ghall-iehor jitlef ghoxrin Ewro, (€20.00), hi semplicement kongettura minghajr bazi u effettivament qatt ma tressqet prova fir-rigward;

8. Illi di piu`, l-azzjoni odjerna hi wkoll karenti minn fundament guridiku stante li s-socjeta` rikorrenti qatt m'akkwistat il-proprjeta` tac-cilindri in dizamina;

9. Illi in effetti, l-konsumatur jixtri biss il-gass ta' goc-cilindru u mhux ic-cilindru fih innifsu u konsegwentement l-artikolu 525 tal-Kap 16 ma jiffigurax;

10. Illi ghandu jinghad ukoll li l-licenzja li tahtha topera s-socjeta` rikorrenti tawtorizza lil din is-socjeta` titrasporta, tiddistribwixxi u tbiegh bl-imnut il-gass f'cilindri trasportabbli u ma ssemmi assolutament xejn rigward il-bejgh ta' cilindri vojta lill-konsumatur;

11. Illi s-socjeta` rikorrenti ma ppruvat l-ebda titolu rigwardanti c-cilindri u konsegwentement il-procedura kostituzzjonali odjerna m'ghandha l-ebda bazi legali jew fundament guridiku fuq xiex tistrieh;

12. Illi del resto, is-socjeta` rikorrenti ma ezawrietx ir-rimedji ordinarji disponibbli ghaliha qabel ma ntavolat il-procedura odjerna, u dan hu anke ammess mill-istess socjeta` rikorrenti, (ara fol 214);

13. Illi l-allegazzjoni li l-Avviz Legali de quo jilledi d-drittijiet fondamentali tas-socjeta` rikorrenti hi nfondata stante li c-cilindri tal-gass in kwistjoni ma humiex proprjeta` tas-socjeta` rikorrenti u in effetti ma ppruvat l-ebda titolu fir-rigward;

14. Illi ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 37 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta stante li s-socjeta` rikorrenti la hi u lanqas ippruvat li hi possessur legittimu tac-cilindri in dizamina;

15. Illi l-Avviz Legali in dizamina ma jcahhad lill-ebda operatur, inkluz lis-socjeta` rikorrenti, mic-cilindri proprjeta` taghhom;

16. Illi kull ma jistabbilixxi l-Avviz Legali de quo hu li l-konsumatur jirritorna c-cilindri wzati principalment minhabba ragunijiet ta' sigurta`;

17. Illi skont ir-rapprezentant tal-Awtorita` ntimata jirrizulta li din riedet tevita sitwazzjoni fejn cilindri ta' operatur partikolari jimtlew minn operatur konkorrenti billi din hi attivita` perikoluza hafna li biha jistghu jigu manomessi l-garanziji moghtija lill-konsumatur;

18. Illi dan jinghad minhabba l-fatt li l-Awtorita` de quo gia` rriskontrat diversi abbuzi fosthom l-isserrar tan-numri serjali tac-cilindri u bdil tal-kulur distintiv tac-cilindri u kellhom ikunu l-forzi tal-ordni esteri li kellhom jintervjenu biex iwaqqfu dawn l-abbuzi;

19. Illi l-iskop tal-Avviz Legali in dizamina hu dak li jipprotegi lill-konsumatur minn cilindri li ma jkunux jiggarantixxu l-inkolumita` taghhom;

20. Illi l-ekwiperazzjoni tal-elementi fuq sintetikament esposti mal-espropreazzjoni mhix f'waqtha u ghalhekk din il-procedura timmerita li tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost din il-procedura tista' tigi sintetikament cirkoskritta bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hi wahda li dahlet fis-suq tal-bejgh tal-gass fi zvantagg stante li dahlet meta gia` hemm intrapriza ohra li sa dak iz-zmien kienet wahda monopolista;

2. Illi biex tippenetra s-suq li sa dak iz-zmien kien cirkoskritt mis-socjeta` inkombenti, ghazlet li tipprovdi diversi negozji allettanti ghall-konsumatur biex taghmilha vijabbli ghalih li dan jabbanduna lis-socjeta` monopolista li qabel kienet tfornieh bil-prodott de quo, u minflok jaghzel, ghaliex finanzjarjament jaqbillu, li jibda issa jigi fornit mis-socjeta` rikorrenti;

3. Illi fost id-diversi sotterfugi ntrodotti mis-socjeta` rikorrenti kien hemm dik li meta konsumatur jaghzel li jkun fornit bil-gass minn din is-socjeta`, din

kienet tivvaluta c-cilindru normali wzat mill-bicca l-kbira tal-konsumaturi fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin Ewro, (€25.00), liema sotterfug jidher li halla l-effetti pozittivi desiderati;

4. Illi meta pero`, gie in vigore l-Avviz Legali in dizamina u stabbilixxa li f'dan il-kaz l-ammont kellu jkun ta' hames Ewro, (€5.00), l-effett ta' tali sotterfug gie newtralizzat;

5. Illi din il-qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita li l-ghan wara tali direzzjoni legislattiva hu dak li jiggarantixxi s-sigurta` tal-utent;

6. Illi pero` ghandu jkun pacifiku li bhala effett, anke indirett tal-istess Avviz Legali, il-"*level playing field*" tant importanti fl-operat ta' swieq gie manomess b'rizultat li s-socjeta` rikorrenti tant hassitha urtata li mill-optzjonijiet kollha li kellha biex tipprova tinnewtralizza dan l-Avviz Legali, ghazlet mill-ewwel li tintavola procedura kostituzzjonali odjerna, ppernjata fuq id-dritt tal-proprjeta`, u tinsa r-rimedji l-ohra kollha disponibbli;

7. Illi ghandu mmedjatament jinghad li tali azzjoni hi pjuttost azzardata u prematura;

8. Illi in effetti dan jinhass li kien ukoll gia` ndikat lill-istess socjeta` rikorrenti kif jirrizulta minn nota ta' sottomissjonijiet taghha, (ara paragrafu 5 a fol 214);

9. Illi in effetti wiehed jista` superficjalment jara l-fondatezza tal-argument tas-socjeta` rikorrenti li l-Avviz Legali de quo jista` jinkwina l-atmosfera imprenditorjali billi filwaqt li johloq barrikata ghas-socjeta` rikorrenti nvoluta fis-suq tar-ripreza tac-cilindri vojta wara l-uzu mill-konsumatur u fl-istess hin jixpruna lis-socjeta` l-ohra kompetitrici u jagevolaha kummercjalment;

Ikkunsidrat:

1. Illi pero`, l-analizi de quo mhux il-kompitu ta’ din il-qorti li tezamina stante li l-azzjoni odjerna hi limitata ghall-kwistjoni kostituzzjonali sollevata;

2. Illi f’dan ir-rigward ghandu ghalhekk jigi sottolineat dak stabbilit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-*proviso* mieghu anness li jghidu:

“Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghandu jkollha gurisdizzjoni originali li tisma’ u tiddeciedi kull talba maghmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu …

Izda l-Qorti tista’, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont dan is-subartikolu f’kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta’ rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi ligi ohra”;

3. Illi ghalhekk hu assodat li l-qorti odjerna ghandha tiddetermina jekk il-fatti kif esposti quddiemha jirrigwardawx lanjanzi li jezigu rimedju kostituzzjonali jew jekk effettivament jattirawx rimedji ohra naxxenti mill-ligi ordinarja;

4. Illi ghandu jinghad li ghalkemm din id-diskrezzjoni moghtija lill-qorti hi wahda konsiderevoli, pero`, mhix wahda assoluta stante li hi biss intiza mhux li timbarra kwalunkwe talba ghal rimedju kostituzzjonali izda biss dak meqjus bhala abbuz tal-process kostituzzjonali;

5. Illi ghalhekk kif irriteniet l-istess qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Briffa vs Kummissarju tal-Pulizija,** datata l-21 ta’ Novembru, 1994:

“Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess ta’ l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda l-wahda tkun tista’ twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hasrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tista` timpedixxi li jigu ostakoli bla bzonn fit-

triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali";

6. Illi f'dan ir-rigward l-istess decizjoni msemmija fil-paragrafu precedenti kompliet li:

"Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista` tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha";

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kuntest partikolari analizi legali tal-fattispeci in dizamina kif irrizultaw fil-procedura odjerna kollha jimmilitaw f'direzzjoni wahda, dik anke sottolineata mill-istess socjeta` rikorrenti, li effettivament l-Avviz Legali in dizamina jista' allegatament jipperturba s-suq oligopolistiku li fih l-istess socjeta` rikorrenti topera u konsegwentement ipoggiha fi zvantagg serju kompetittiv meta meqjus mas-socjeta` rivali diretta taghha;

Illi del resto ghalhekk, meta din il-qorti tistabbilixxi dan mhix qed taffettwa xi rivelazzjoni immana ghaliex anke l-istess socjeta` rikorrenti tistqarr din l-istess sitwazzjoni sahansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha stess, (ara fol 214);

Ikkunsidrat:

Illi stabbilit dan issir ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Vella vs Kummissarju tal-Pulizija** datata l-5 t'April, 1991, Vol LXXV. p.106, fejn jinghad:

"Minn ezami akkurat tas-subinciz (1) u (2) ta' l-imsemmi artikolu 46 jidher car li l-legislatur Malti ma riedx li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha dejjem u tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli taht

il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragonevolment mistenni li jipprovdu rimedju affettiv”;

Illi wkoll kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister** noe datata s-7 ta’ Marzu, 1994:

“Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrenti biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta’ natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta m’humiex disponibbli”;

Illi di piu`, kemm fis-sentenza citata fil-paragrafu precedenti kif ukoll fis-sentenza **Maria Debono vs Kummissarju tal-Pulizija et** datata d-29 ta’ Mejju, 2002, hemm ukoll imnizzel u nkluz is-segwenti linji gwida gurisprudenzjali f’dan il-qasam partikolari li ghandhom jghinu fir-rizoluzzjoni tal-vertenza in dizamina, li dawk rilevanti ghas-sitwazzjoni prezenti biss qed jigu hawn riprodotti sintetikament:

i. Illi kull kaz ghandu l-ispecificita` partikolari tieghu;

ii. Illi meta rikorrenti ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li seta’ liberament jutilizza dan ma jfissirx li l-qorti ghandha tikkonsidra li m’ghandhiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` ser jirrimedja hlief in parte l-lanjanzi tar-rikorrenti;

iii. Illi ghalkemm ir-rikorrenti ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, dan ikun imputabbli lil haddiehor, allura f’dan il-kaz il-qorti ghandha tkompli bil-kaz;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-sintesi fattwali u gurisprudenzjali fuq espost, ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` rikorrenti ma jirrizultax li ezawriet ir-rimedji ordinarji spettanti lilha;

Illi b'analogija taghmel referenza wkoll ghal sitwazzjonijiet simili fejn kemm intrapriza involuta fil-bejgh tal-petrol; intrapriza ohra nvoluta fil-qasam tas-sahha; u addirittura settur shih involut fil-bejgh tal-petrol mill-pompi; ilkoll impunjaw Avvizi Legali differenti b'success u dan, kemm minghajr ma kellhom il-htiega jirrikorru ghar-rimedju kostituzzjonali prospettat f'din il-procedura, u bi gwadan kemm finanzjarju u temporali ghalihom;

Illi ghandu wkoll ikun ovvju li mhux il-kompitu ta' din il-qorti li tipprovdi jew b'xi mod tindika x'inhu r-rimedju prospettat – haga li del resto l-istess socjeta` rikorrenti tidher li hi ben konoxxenti minnha;

Illi in vista tas-suespost din il-qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tilqa' r-risposta tal-intimati u tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha lilha moghtija taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

**Decide**:

Ghaldaqstant, in vista tal-premess tiddeciedi li ai termini tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319, tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea stante li sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti kellha rimedji ohra disponibbli ghaliha u minnha saputi ghal dak minnha allegat taht il-ligi ordinarja, li l-istess socjeta` rikorrenti ghazlet li ma tutilizzax;

Illi konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif esposti fir-rikors taghha promotur u tillibera lill-intimati mill-osservanza tal-gudizzju;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------